# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 31 ta' Mejju 2022**

Appell numru 482/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Fiorella STAFRACE**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-6 ta' Diċembru 2021 fil-konfront ta' Fiorella STAFRACE (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 145474M) li ġiet mixlija talli fix-xahar ta' Lulju 2020 meta hekk ordnata minn xi Qorti jew marbuta b'kuntratt naqset milli tagħti lil Jesmond Stafrace s-somma hekk iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għalih u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax -il jum minn dak -il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellanta

ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u kkundannatha għal **xahar detenzjoni**.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi STAFRACE appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata billi tvarjaha in kwantu jikkonċerna l-piena inflitta u minflok tgħaddi biex tinfliġġi piena iżjed ekwa u ġusta u dan wara li ppremettiet li l-piena erogata fil-konfront tagħha kienet waħda eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ liema piena ta detenzjoni kienet se tissarraf fi ħsara għas-saħħa tal-appellanta minbarra t-telf tal-impjieg tagħha.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Is-sentenza erogata f'dan il-każ, xahar detenzjoni, kienet taqa' fil-parametri legali u kienet tal-kwalita u kwantita korretta. Ir-reat kontestat f'dan il-każ jinsab f'Taqsima Tlieta tal-Kodiċi Kriminali, taħt is-sub-titolu numru wieħed f'dik is-sezzjoni li titratta l-kontravenzjonijiet li huma ta' ordni pubbliku, u l-piena relattiva hija, skont l-Artikolu 7(2) tal-imsemmi Kodiċi :
   a) Id-detenzjoni,
   b) L-ammenda,
   c) Iċ-ċanfira jew it-twiddiba.

5. Għalhekk ma hemm xejn li din il-Qorti tista' tiċċensura fl-imposizzjoni tal-piena speċifika mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

6. Biss jirriżulta wkoll li fil-mori tal-appell kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet, billi l-appellanta ħalset għal kollox l-ammonti kollha dovuti minnha f'manteniment in konnessjoni ma dan il-każ. Dan huwa pass pożittiv li juri li l-appellanta, anke jekk tardivament, spiċċat biex wetqet dak li kienet ordnata mill-Qorti li jagħmel. Trid issa żżommha f'moħħha li skont ġurisprudenza kostanti l-ordnijiet tal-Qrati jridu jiġu osservati skrupolożament u mhux ammessi u permessi tfettieq jew kavillar żejjed fit-twettieq tagħhom. Mill-banda l-oħra tali ħlas tardiv jista' jittieħed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fl-erogazzjoni tal-piena tagħha.

# Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-appell magħmul minn Fiorella STAFRACE in parti u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitha ħatja tal-imputazzjoni kontra tagħha, iżda mill-banda l-oħra tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellanta ġiet kundannat għal xahar detenzjoni u minflok, fiċ-ċirkostanzi prevalenti u riżultanti, din il-Qorti tqis li jissussistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk il-Qorti tillibera lil ħatja bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena millum.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel ma emanat tali ordni, hija fissret lill-ħatja bi kliem ċar, sempliċi u li jinftiehem li jekk hija tagħmel reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**